**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Paul Vella**

Numru: 51/2019

Illum 12 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Paul Vella,** iben John Baptist u Mary Jane xebba Xiberras, imwieled nhar id-19 ta' Lulju 1973 fl-Awstralja, residenti gewwa l-fond Delle Alpi, Triq tal-Luvier, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 509990(M):

Akkuzat talli nhar it-23.11.2018 ghall-habta tas-13:00hrs bhala persuna licenzjata ghall-insib fl-inhawi maghrufa Ta' Bardan limiti

ta' Sannat li waqt stagun miftuh ghall-kacca u l-insib halla xbieki jew mansab mhumiex skargati bix-xbieki kompletament mikxufa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li bis-sahha ta' regolament 27(2)(a) tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konsevazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perijodu applikabli;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk qed taghlaq il-provi taghha;

Semghet rapprezentanta tal-Birdlife tixhed li waqt li kienu qeghdin jaghmlu spezzjoni fl-inhawi Ta' Sannat kienu raw mansab li ma kien hemm hadd fih izda ma kienx skargat u l-Pulizija raw fuq min kien registrat il-mansab;

Semghet lill-imputat Paul Vella jixhed minn jeddu u b'mod volontarju li ddikjara li x-xibka ma kinitx mghottija skont il-ligi u li lanqas il-mansab ma kien skargat minhabba raguni medika li kellha bintu.  Huwa kien gie msejjah minn rapprezentant tal-iskola li bintu kienet ma tiflahx.  Prova ta' dan kien esebit certifikat mediku fejn

juri li bintu kellha bzonn tliet (3) ijiem kura wara li kienet invistata dakinhar li sehh il-kaz.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-imputat kellu raguni valida hafna ghaliex telaq minn fuq il-post u halla l-mansab kif kien mhux skargat. Il-Qorti tifhem x'gara u tifhem li f'cirkostanza bhal din l-imputat ghamel id-dover tieghu ta' missier li jmur jara x'kellha bzonn bintu. Il-hajja umana ghandha tkun protetta dejjem u f'kull hin. Dan il-kuncett f'pajjizna ghadu b'sahhtu hafna u mnalla hu hekk fejn nipprotegu l-hajja mill-koncepiment sal-mewt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Paul Vella hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**